MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-10 ta' Settembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 203/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Andriy Petrovych Pashkov**

**Il-Qorti**:

**1.** Dan hu appell minn decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti tal-10 ta' Gunju 2009 li permezz taghha dik il-qorti ordnat l-estradizzjoni ta' Andriy Petrovych Pashkov[1] lejn l-Ukrajina sabiex hemm "jigi processat limitatament ghad-delitt ta' approprjazzjoni indebita ossia bla jedd u dan a bazi tal-provi prodotti waqt dawn il-proceduri." Din id-decizjoni nghatat mill-imsemmija Qorti Rimandanti wara li fis-16 ta' Marzu 2009 il-Magistrat tal-Ghassa harget mandat ta' arrest provvizorju kontra l-imsemmi Pashkov skond l-Artikolu 14 tal-Att dwar l-

[1] Cittadin tal-Ukrajina, imwieled f'Kharkiv (Ukrajina) fil-25 ta' Marzu 1970, bin Petro Mykolayovych u Galyna Gnativna Pashkov, detentur tal-passaport tal-Ukrajina nru EC595936 u tal-karta tal-identita` Maltija nru 36544A.

Estradizzjoni (Kap. 276) (hawn aktar ‘l quddiem imsejjah “l-Att”). Pashkov tressaq b’arrest quddiem il-Qorti Rimandanti fis-17 ta’ Marzu 2009. L-Awtorita` ghal Procediment skond l-Artikolu 13 tal-Att inhareg mill-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja fit-18 ta’ Marzu 2009, u kopja tieghu tinsab ezibita a fol. 52 tal-attijiet tal-process[2].

**2.** L-imsemmi Pashkov appella minn din id-decizjoni, u dan fiz-zmien moghti fl-Artikolu 18(1) tal-Att, cioe` erbat ijiem utili. Permezz ta’ dana r-rikors ta’ appell, prezentat fis-16 ta’ Gunju 2009, huwa talab ir-revoka tal-ordni ghall-estradizzjoni tieghu u tal-ordni li bih huwa ntbaghat taht kustodja, u ghalhekk talab li huwa jigi mehlus minn tali kustodja.

**3.** L-aggravji tal-appellant huma hamsa, u jistghu jigu sintetizzati hekk:

1. Illi x-xiehda, ossia deposizzjonijiet, mehuda quddiem il-Qorti Rimandanti hija inammissibbli bil-konsegwenza li kwalunkwe dokumentazzjoni li giet ezibita fil-kors ta’ tali deposizzjonijiet (inkluza, allura, anke d-dokumenti, ezibiti mill-Avukata Dott. Donatella Frendo Dimech, fl-udjenza tas-27 ta’ Marzu 2009 [ara Dok. a fol. 51], u li, skond il-prosekuzzjoni, jikkontjenu l-provi mehtiega biex jigi stabbilit kaz *prima facie* skond l-Artikolu 15(3)(a) tal-Att) ghandha tigi dikjarata wkoll bhala inammissibbli;
2. Illi d-dokumenti mibghuta mill-awtoritajiet tal-Ukrajina “ma humiex konformi mar-rekwiziti tal-Artikolu 22 [tal-Att]” u dan ghax “ma jirrizultax li x-xiehda giet moghtija taht gurament jew li saret xi affermazzjoni jew dikjarazzjoni”, kif ukoll ghax “lanqas ma jirrizulta li din ix-xiehda ttiehdet fi ‘proceduri’ fl-Ukrajina”;
3. Illi l-appellant gie impedut (quddiem il-Qorti Rimandanti) milli joffri x-xiehda tieghu b’mod liberu u inkondizzjonat;

[2] Ara wkoll l-Ordni dwar l-Estradizzjoni (Pajjizi Barranin Specifikati) (Nru. 2) – A.L. 131/96, kif emendat (L.S.276.03).

4. Illi l-provi migjuba mill-awtoritajiet gudizzjarji tal-Ukrajina ma jwasslux sal-grad ta' prova rikjest fi proceduri ta' estradizzjoni; u
5. Illi "l-provi li ngiebu mill-esponent gew meqjusa bhala mhux attwali jew mhux reali."

Dawn, mela, in sintesi, huma l-aggravji tal-appellant. Din il-Qorti issa ser tghaddi biex tezaminahom *seriatim*.

**4.** L-ewwel aggravju tal-appellant hu msejjes fuq il-premessa li l-ilsien tal-Qrati hu l-Malti, u li l-ilsien Ingliz jista' jintuza biss bhala "eccezzjoni" u f'dawk il-kazijiet li ghalihom espressament tipprovdi l-ligi. Huwa, bazikament, jikkontendi li quddiem il-Qorti Rimandanti la gew rispettati r-regoli stabbiliti fl-Att dwar Proceduri Gudizzjarji (Uzu ta' l-Ilsien Ingliz), Kap. 189, u anqas dak li jipprovdi s-subartikolu (2) tal-Artikolu 516[3] tal-Kodici Kriminali. Issa, ghalkemm mill-istqarrija li l-appellant kien irrilaxxja lill-Pulizija fis-16 ta' Marzu 2009 fil-Kwartieri Generali fil-Furjana (ara fol. 11 sa 13) jidher li huwa jifhem u jitkellem sew bl-Ingliz u li ghalhekk huwa jikkwalifika bhala "persuna li titkellem bl-Ingliz" ghall-finijiet tal-Artikolu 7(b) tal-Kap. 189, meta huwa tressaq l-ewwel darba quddiem il-Qorti Rimandanti fis-17 ta' Marzu 2009 hu ddikjara li la jifhem bil-Malti u lanqas bl-Ingliz. Forsi l-appellant, allura estradant, ghamel hekk ghax haseb li b'hekk ser jaghmilha difficli jekk mhux addirittura impossibbli ghall-proceduri ta' estradizzjoni kontra tieghu biex jiehdu l-kors taghhom. Hi x'inhi r-raguni ghal din id-dikjarazzjoni pjuttost sorprendenti, u peress li evidentement il-Qorti Rimandanti kienet sprovvista minn interpretu li seta' jinterpreta mill-<u>Malti</u> ghall-lingwa Ukrajina, l-ewwel qorti pprovdiet hekk:

**"Peress illi l-imputat ma jifhimx bil-lingwa Maltija u lanqas bil-lingwa Ingliza, il-Qorti tinnomina lil Plyushkina Lyudmyia bhala interpretu mill-Ingliz ghal**

[3] Is-subartikolu (2) tal-Artikolu 516 tal-Kap. 9 jipprovdi hekk: "Meta xi persuna akkuzata ma tifhimx l-ilsien li bih ikunu qed isiru l-proceduri jew tigi migjuba xi xiehda, dawk il-proceduri jew xiehda ghandhom jigu interpretati lilha jew mill-Qorti jew minn interpretu li jigi moghti lilu l-gurament."

**[dik] Ukrajina, il-lingwa li jifhem l-imputat, filwaqt illi l-verbali jsiru bil-Malti, il-proceduri orali jsiru bl-Ingliz."**

Din il-procedura baqghet tigi segwita matul l-udjenzi kollha quddiem il-Qorti Rimandanti u sakemm din tat id-decizjoni taghha, bil-Malti, fl-10 ta' Gunju 2009. Issa, huwa minnu li tali procedura, cioe` fejn il-verbali jsiru bil-Malti mentri l-proceduri orali, inkluzi d-deposizzjonijiet tax-xhieda, isiru u jinghataw bl-Ingliz, ma hix strettament skond il-Kodici Kriminali u skond dak li jipprovdi l-Kap. 189 – salv dak li jipprovdi l-paragrafu (e) tal-Artikolu 3 tal-Kap. 189, il-ligi tipprovdi li l-proceduri jsiru jew bil-Malti jew bl-Ingliz, u ma hemm ebda disposizzjoni li tipprovdi ghall-forma ibrida li addottat il-Qorti Rimandanti. B'dana kollu, wiehed irid jirrikonoxxi li jistghu jinqalghu sitwazzjonijiet fejn interpretu mill-lingwa Maltija ghal dik li biha jkun jitkellem l-imputat jew akkuzat (jew, bhal f'dan il-kaz, l-estradant) ma jkunx disponibbli, mentri tkun disponibbli persuna li tkun taf dik il-lingwa barranija kif ukoll l-<u>Ingliz</u>, u ghalhekk tkun tista' tinterpreta mill-Ingliz ghal dik il-lingwa barranija u vice-versa. Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, il-procedura addottata mill-Qorti Rimandanti la twassal ghal xi nullita` u lanqas ghax xi inammissibilita` ta' deposizzjonijiet moghtija quddiemha, kif qed jippretendi l-appellant[4]. Il-Qorti Rimandanti addottat procedura li, filwaqt li tassigura l-pre-eminenza tal-ilsien Malti fuq dak Ingliz ghall-finijiet tal-proceduri tal-qorti – u dan konformement ma' dak li jipprovdu kemm l-Artikolu 5(3) tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-Artikolu 516(1) tal-Kodici Kriminali – tassigura wkoll li l-estradant ikun jista' jsegwi l-proceduri bl-ghajnuna ta' interpretu, kif jipprovdi l-Artikolu 516(2), b'mod li jinghata wkoll il-beneficcju kollu kif ravvizat fl-Artikolu 39(6)(e) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(3)(e) tal-Konvenzjoni Ewropea – jinghad "beneficcju" u mhux "dritt" ghax <u>il-proceduri ta' estradizzjoni ma humiex proceduri li fihom persuna tkun qed tigi akkuzata b'reat kriminali</u> (tali proceduri jistghu

[4] L-abbili difensuri tal-appellant ghamlu referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tal-10 ta' Dicembru 1996 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Elizabeth *sive* Alice Piscopo**. Din is-sentenza, pero`, ma tistax tkun ta' ghajnuna ghat-tezi tal-appellant fir-rigward ta' dan l-aggravju. Din is-sentenza stabbiliet biss li meta l-proceduri quddiem il-Qorti Inferjuri jkunu gew kondotti kollha bil-Malti u s-sentenza wkoll inghatat bil-Malti, <u>in-nota tal-Pulizija</u>, ipprezentata ghall-finijiet tal-Artikolu 414(1) tal-Kap. 9, u li kienet giet redatta bl-Ingliz kellha titqies bhala non-ezistenti.

talvolta jinbdew fil-pajjiz rikjedent kemm-il darba l-estradant jitregga’ lura lejn dak il-pajjiz). Jizdied jinghad li fil-kors tal-proceduri quddiem il-Qorti Rimandanti l-appellant, allura estradant, kien dejjem assistit minn avukat jew avukati; u inoltre qatt ma sar jew gie registrat xi lment li huwa ma kienx qed isegwi l-proceduri jew li ma setax jifhem il-kontenut ta’ xi dokument redatt bil-Malti, bl-Ingliz jew b’xi lingwa ohra. A propositu tal-Artikolu 6(3)(e) tal-Konvenzjoni Ewropea -- li, kif rajna, strettament ma japplikax ghal proceduri ta’ estradizzjoni -- din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jinghad mill-awtur Karen Reid fit-tieni edizzjoni tal-ktieb taghha ***A Practitioner’s Guide to the European Convention on Human Rights***[5]:

**“The ability to comprehend the proceedings in a criminal trial, guaranteed in Art. 6, para. 3(e), may be seen as another aspect of the importance for an accused to participate effectively in the proceedings. For the right to be effective, the obligation of the authorities is not limited to the provision of an interpreter, but may also extend to a degree of control over the adequacy of the interpretation provided. Issues as to the standard of the interpretation could arise if it could be established as damaging to the accused’s effective participation in the proceedings. Although a failure to complain at the time may be fatal to claims before the Court as generally domestic courts must be given an opportunity to remedy any inadequacy, the onus is nontheless on the trial judge to treat an accused’s interest with ‘scrupulous care’ and take steps to ensure his ability to participate where problems are drawn to his attention…The requirement for interpretation must, however, be genuine and necessary to the fair conduct of the proceedings. Where an applicant has sufficient understanding of the language of the proceedings, he cannot claim a cultural or political preference for another. Once it is apparent that the applicant requires interpretation assistance, it is unlikely that**

[5] Sweet & Maxwell (London) 2004.

**informal and unprofessional assistance will be sufficient. Article 6, para. 3(e) has been held to cover documentary material and pre-trail matters, but it does not extend to requiring translations of all documents in the proceedings. It is sufficient if the applicant is assisted by interpreters, translations and the help of his lawyers so that he has knowledge of the case which enables him to defend himself, in particular by being able to put forward his version of events. If this standard is reached, a failure to provide all the translations an applicant might have wanted is not a problem. An applicant would presumably have to indicate that the untranslated documents were material to his ability to defend himself and that he was refused or not permitted the necessary facilities.”** [6]

**5.** Ghar-ragununijiet kollha kif fuq imfissra, l-ewwel aggravju tal-appellant qed jigi respint.

**6.** It-tieni aggravju jirrigwarda l-Artikolu 22 tal-Att. Kif diga’ nghad, l-appellant jikkontendi li d-dokumenti mibghuta mill-awtoritajiet tal-Ukrajina ma jikkonformawx mar-rekwiziti ta’ dan l-artikolu u dan kemm ghax “ma jirrizultax li x-xiehda giet moghtija taht gurament jew li saret affermazzjoni jew dikjarazzjoni”, kif ukoll ghax ma jirrizultax “li din ix-xiehda ttiehdet fi ‘proceduri’ fl-Ukrajina”. Skond l-appellant meta l-ligi, fl-imsemmija disposizzjoni, tirreferi ghal “proceduri” hija qed tirreferi ghal proceduri gudizzjarji, cioe` quddiem qorti jew awtorita` gudizzjarja. Il-prosekuzzjoni, min-naha taghha, tirribatti li f’materja ta’ estradizzjoni jrid ikun hemm certa flessibilita` u li biex wiehed iqis il-provi bhala ammissibbli ghall-finijiet ta’ din id-disposizzjoni wiehed irid ihares principalment lejn il-ligi tal-pajjiz rikjedent u jekk dawk il-“provi” jkunux ingabru konformement mal-ligi tal-istess pajjiz rikjedent.

**7.** Il-partijiet relevanti tal-Artikolu 22 tal-Att (ghal dak li jirrigwarda xiehda) jipprovdu hekk: *“Fi proceduri taht jew ghall-finijiet ta’ dan l-Att dwar persuna taht kustodja skond*

---

[6] Pagni 124 sa 125; para. IIA-108 sa IIA-110

*dan l-Att, dokument, awtentikat kif imiss, li juri xiehda moghtija taht gurament fil-pajjiz li ghamel it-talba jigi ammess bhala prova ta' dak li jkun fih…Id-dokument ghandu jitqies li huwa awtentikat kif imiss ghall-fini ta' dan l-artikolu, fil-kaz ta' dokument li juri xiehda moghtija kif intqal qabel, jekk id-dokument juri li hu ccertifikat minn imhallef jew magistrat jew ufficjal f'dak jew ta' dak il-pajjiz bhala li hu dokument originali li fih jew li jirregistra dik ix-xiehda jew kopja vera ta' dak id-dokument originali…u f'kull kaz bhal dan id-dokument ikun awtentikat jew bil-gurament ta' xhud jew bis-sigill ufficjali ta' Ministru fil-pajjiz jew tal-pajjiz li ghamel it-talba…F'dan l-artikolu, 'gurament' tinkludi affermazzjoni jew dikjarazzjoni…"* (sottolinear ta' din il-Qorti). Fi kliem iehor, meta si tratta ta' "xiehda" li tkun giet migbura fil-pajjiz rikjedent[7] u, naturalment, din tkun giet redatta bil-miktub, dak id-dokument li jkun jikkontjeni dik ix-xiehda irid (1) ikun juri xiehda moghtija taht gurament jew imwettqa b'affermazzjoni jew dikjarazzjoni, u (2) ikun awtentikat kif imiss, cioe` ikun iccertifikat minn imhallef, magistrat jew ufficjal u d-dokument ikun "awtentikat bil-gurament ta' xhud jew bis-sigill ufficjali ta' Ministru" tal-pajjiz rikjedent, biex dak id-dokument ikun jista' jigi ammess bhala prova ta' dak li jkun fih.

**8.** Jinghad mill-ewwel li l-pretensjoni tal-appellant li tali xiehda trid tkun ingabret fi proceduri "gudizzjarji" jew minn jew quddiem "qorti" fil-pajjiz rikjedent hija interament bla bazi. Apparti li l-kelma "proceduri" tintuza biss fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 22, u ghalhekk tirreferi ghal dawk li huma provi dokumentarji u mhux provi permezz ta' xiehda[8], ma hemm xejn fl-Artikolu 22 li jezigi li l-"provi" gejjin mill-pajjiz rikjedent ikunu ingabru fi proceduri gudizzjarji jew minn jew quddiem qorti. Dan ikompli jigi kkonfermat mill-fatt li, ghall-finijiet ta' awtentikazzjoni kemm ta' dokument li jikkontjeni xiehda (Art. 22(2)(a)) jew ta' dokumenti ohra (Art. 22(2)(b)), ic-

[7] S'intendi, ix-xiehda tista' wkoll tittiehed ukoll direttament mill-Qorti Rimandanti – ara is-sentenza ta' din il-Qorti tat-13 ta' Awissu 2001 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mohammed Abdel Monem Abbas Aly**.
[8] In fatti l-imsemmi paragrafu (b) anqas hu rifless fis-silta riportata fil-paragrafu **7**, *supra*.

certifikazzjoni tista' ssir anke minn "ufficjal" li ma jkunx imhallef jew magistrat.

**9.** Kwantu ghax-xiehda tad-diversi nies li jinsabu fil-faxxikolu ezibit mill-Avukata Dott. Donatella Frendo Dimech fil-kors tad-deposizzjoni taghha tas-27 ta' Marzu 2009 (fol. 49) -- liema xiehda giet ezibita sabiex il-prosekuzzjoni tistabilixxi kaz *prima facie* ghall-finijiet tal-Artikolu 15(3)(a) tal-Att -- ma hemmx dubbju li dawn id-deposizzjonijiet ittiehdu skond il-procedura investigattiva tal-Ukrajina. Dan il-fatt wahdu pero`, u cioe` li ttiehdu skond il-procedura tal-Ukrajina, ma jezentax lill-pajjiz rikjedent milli jottempera ruhhu ma' dak li huwa l-minimu rikjest skond l-Artikolu 22 tal-Att sabiex il-prova tkun ammissibbli quddiem il-Qorti Rimandanti, u cioe` li x-xiehda titwettaq bil-gurament jew b'affermazzjoni jew dikjarazzjoni, <u>u</u> li tkun awtentikata kif aktar 'l fuq spjegat. Din il-Qorti ma tistax taccetta t-tezi tal-prosekuzzjoni li l-ewwel wiehed minn dawn ir-rekwiziti (it-twettiq bil-gurament jew b'affermazzjoni jew dikjarazzjoni) gie sodisfatt. Ezami akkurat ta' dawn id-dokumenti <u>kollha</u> juri li d-diversi persuni li stqarrew dak li kienu jafu dwar il-fatti meritu tal-investigazzjoni li kienet qed tigi kondotta <u>imkien u f'ebda kaz ma wettqu dak li kienu qalu bil-gurament jew b'dikjarazzjoni jew affermazzjoni</u>. Huwa minnu li l-formula tal-gurament jew tad-dikjarazzjoni jew affermazzjoni tista' tvarja minn pajjiz ghal iehor, izda jibqa' l-fatt li, kif intqal fil-kaz **R. v. Governor of Pentonville Prison, *ex parte* Harmohan Singh** [1981] 1 WLR 1031 a fol. 1038: *"Documents put forward as an affirmation must contain, or show <u>on its face</u>, a solemn declaration by the witness before a judicial authority <u>that its contents are true</u>."* (sottolinear ta' din il-Qorti). Hija proprju din l-affermazzjoni pozittiva da parti ta' min ikun qed jirrelata l-fatti, u cioe` <u>li dak li qed ighid huwa l-verita`</u>, li tiddistingwi semplici "stqarrija" minn "prova" ghall-finijiet tal-Artikolu 22 tal-Att. U din l-affermazzjoni pozittiva trid tirrizulta, b'xi mod, mid-dokument innifsu. Id-dikjarazzjonijiet f'dawn id-diversi dokumenti li "The records have been read by me, they were written from my words correctly", jew "The record was read by me, it was written down right", jew "The testimony by my words is written down correctly", u

varjazzjonijiet ohra ta' dawn l-espressjonijiet li wiehed isib fid-dokumenti in kwistjoni, ma jammontawx ghal affermazzjoni pozittiva li dak li nghad huwa veru, izda biss li dak li nghad mid-diversi xhieda tnizzel, mill-investigatur li kien qed jinterrogah, korrettement. Fi kliem iehor, dawn id-dikjarazzjonijiet juru biss li dak li hemm imnizzel veru nghad, izda mhux li dak li nghad huwa l-verita`. Ghalhekk ma jistax jinghad li gie sodisfatt ir-rekwizit tal-Art. 22(1)(a) tal-Att. Isegwi ghalhekk li l-imsemmija dokumenti ma kienux ammissibbli bhala prova, u kwindi t-tieni aggravju tal-appellant ghandu jintlaqa'. Din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tidhol fil-kwistjoni tal-awtentikazzjoni (Art. 22(2)(a) tal-Att).

**10.** Galadarba l-kaz kollu tal-prosekuzzjoni u tal-pajjiz rikjedent kien mibni – ghall-finijiet tal-prova rikjesta skond l-Artikolu 15(3)(a) tal-Att – fuq dawn id-dokumenti u galadarba dawn id-dokumenti ma kienux ammissibbli fit-termini tal-Artikolu 22, isegwi li l-Qorti Rimandanti ma kellhiex tilqa' t-talba ghall-estradizzjoni tal-appellant, allura estradant. Ma hemmx ghalfejn li jigu kkunsidrati l-aggravji l-ohra.

**11.** Konsegwentement din il-Qorti tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka d-decizjoni tal-Qorti Rimandanti tal-10 ta' Gunju 2009, u tordna li, kemm-il darba Andriy Petrovych Pashkov mhux qed jinzamm taht arrest in konnessjoni ma' xi proceduri ohra jew altrimenti skond il-ligi, huwa jigi minnufih mehlus.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------